**QORTI TA` L-APPELL KRIMINALI**
**(SEDE SUPERJURI)**

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF DR JOSEPH AZZOPARDI - PRESIDENT**

**ONOR. IMHALLEF DR JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**ONOR. DR IMHALLEF EDWINA GRIMA**

**Illum l-Erbgha 26 ta' Frar 2020**

**Att ta` l-Akkuza Nru. 33/2013**

**Ir-Repubblika ta` Malta**

**vs**

**Marcellus sive Marcel Agius**

**Il-Qorti :**

**1**. Rat l-Att ta' l-Akkuza imressqa mill-Avukat Generali kontra l-appellant Marcellus sive Marcel Agius fis-17 ta' Dicembru 2013, akkuzat fl-ewwel u l-uniku kap talli assocja ruhu ma' persuni ohra f'Malta u ma' persuni ohra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegh

jew jittraffika medicina u droga ohra f'Malta (*Ecstasy- MDMA*) bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Ghandhom X'jaqsmu Maghha, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni.

**2**. Rat id-digriet tal-Qorti Kriminali tat-03 ta' Mejju 2019 li permezz tieghu is-smigh tal-guri gie appuntat ghat-08 ta' Lulju 2019.

**3**. Rat ir-rikors imressaq mill-appellant quddiem il-Qorti Kriminali tal-24 ta' Gunju 2019 fejn talab lill-imsemmija Qorti tqieghed is-smigh tal-guri *sine die* sakemm tigi deciza il-kwistjoni minnu vventilata quddiem il-Qorti Ewropeja tal-Gustizzja fejn qed jigi kkontestat il-Mandat ta` Arrest Ewropew ezewgiet kontra tieghu fl-Ingilterra billi l-istess, fil-fehma tieghu, kien vjolattiv tat-Trattati tal-Unjoni Ewropeja.

**4**. Rat id-digriet tal-Qorti Kriminali tat-02 ta' Lulju 2019 fejn it-talba tal-appellant giet michuda meta gie deciz illi ma kien hemm ebda raguni legali, impellenti, serja jew rejali ghaliex il-kawza kellha tigi differita *sine die*.

**5**. Rat ir-rikors tal-appell ta' Marcellus sive Marcel Agiusipprezentat fit-08 ta' Lulju 2019 fejn talab lil din il-Qorti tirrevoka s-sentenza tat-02 ta' Lulju 2019 u minflok tilqa' l-istess.

**6**. Rat ir-risposta ta' l-Avukat Generali pprezentata fit-30 ta' Awwissu 2019 fejn issolleva l-pregudizzjali tan-nullita' tar-rikors tal-appell billi fil-fehma tieghu ma huwiex moghti appell skont il-ligi mid-digriet tal-Qorti Kriminali tat-02 ta' Lulju 2019.

**7**. Rat l-atti kollha tal-kawza.

**8**. Semghet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat :**

**9**. Illi dan l-appell intentat mill-appellant Marcellus sive Marcel Agius ifittex ir-revoka ta' digriet interlokutorju moghti mill-Qorti Kriminali fejn it-talba tieghu sabiex il-guri jigi differiet *sine die* giet michuda. L-appellant ressaq din it-talba peress illi jqis illi ghandha qabel xejn tigi determinata t-talba intavolata minnu quddiem il-Qorti Ewropeja tal-Gustizzja fejn qed jikkontesta l-validita' tal-Mandat ta' Arrest Ewropew mahrug fil-konfront tieghu u ezegwit mill-Qrati Inglizi u li permezz tieghu huwa gie estradit lejn Malta sabiex jiffaccja dawn il-proceduri, dan ghaliex fil-fehma tieghu dan huwa vjolattiv tat-Trattati tal-Unjoni Ewropeja u ghalhekk huwa null.

**10**. Illi qabel xejn, madanakollu, il-Qorti trid tindirizza l-pregudizzjali sollevata mill-Avukat Generali dwar in-nullita' tar-rikors tal-appell billi fil-fehma tieghu ma huwiex moghti appell quddiem din il-Qorti fil-kompetenza superjuri taghha minn digrieti interlokutorji moghtija mill-Qorti Kriminali.

**11**. Illi jinghad qabel xejn illi *"l-ordinament tal-procedimenti legali jemana biss u esklussivament mil-ligi kif mdawwla bl-interpretazzjoni taghha mill-qrati li ghandhom il-funzjoni li jaghtu t-tifsira awtentika tal-ligijiet tal-pajjiz. Hija wkoll il-ligi li tippreskrivi l-parametri tal-kompetenza ta' kull qorti u ebda qorti ma tista' tohrog 'il barra minn dawk il-parametri ghaliex anki l-qrati huma soggetti ghall-ligi.*

*Ghalhekk, jekk il-ligi ma taghtix dritt ta' appell minn xi decizjoni ta' xi qorti jkun isegwi li dak id-dritt ta' appell ma jkunx jezisti skont il-ligi*.[1]"

**12**. Issa l-poteri moghtija lil din il-qorti ta' revizjoni fil-kompetenza superjuri taghha huma arginati fid-disposizzjonijiet tal-artikoli 497 sa 515 tal-Kodici Kriminali fejn hemmhekk il-legislatur fassal dawk ic-cirkostanzi fejn huwa moghti appell kemm lil persuna akkuzata kif ukoll lil Avukat Generali minn sentenzi tal-Qorti Kriminali u mill-verdett tal-gurija.

**13**. Illi jirrizulta mill-atti illi l-procediment penali kontra l-appellant quddiem il-Qorti Kriminali wasal fi stadju li jipprecedi c-celebrazzjoni tal-guri, fejn il-Qorti Kriminali kienet sahansitra iffissat data appozita sabiex jibda' s-smigh ta' l-istess. Kwindi f'dan l-istadju appell huwa moghti biss fil-parametri imfassla fl-artikolu 499 tal-Kodici Kriminali fejn appell jista' jsir '**minn kull decizjoni moghtija wara l-qari ta' l-att ta' l-akkuza u qabel ma l-akkuzat iwiegeb jekk hux hati jew le fuq kull wahda mill-eccezzjonijiet imsemmija fl-artikolu 449(1)(a), (b), (c), (d), u (g) u minn kull decizjoni fuq l-eccezzjoni ta' inammissibbilita` ta' provi**'. Illi ghandu jkun pacifiku li d-digriet li minnu qed isir dan l-appell ma jittrattax xi wahda mill-eccezzjonijiet imsemmija fid-disposizzjoni hawn fuq citata u lanqas ma jittratta xi decizjoni fuq l-eccezzjoni ta' inammissibbilita` ta' provi. Dan ghandu allura ifisser illi l-Avukat Generali ghandu ragun meta isostni illi ma hemmx jedd ta' appell mid-digriet moghti mill-Qorti Kriminali tat-02 ta' Lulju 2019.

---

[1]Ir-Repubbklika ta' Malta vs Carmen Butler deciza 26/02/2009 App.Sup.

**14**. Illi l-unika disposizjoni fil-ligi penali li tittratta b'mod specifiku appell minn digrieti interlokutorji huwa l-Artikolu 415 tal-Kodici Kriminali, liema disposizzjoni tal-ligi madanakollu tinsab fis-subtitolu tal-Kodici Kriminali intestat '**Fuq l-Appelli mis-Sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**' u liema disposizzjoni lanqas hija wahda minn dawk indikati fl-artikolu 512(1) li tirrendi applikabbli xi disposizzjonijiet minn dan is-Sub-Titolu ghal din il-Qorti fil-kompetenza superjuri taghha.

**15**. Illi l-Qorti taghmel taghha l-pronunzjament moghti minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta fl-appell fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mario Camilleri** fejn gie deciz :

> **"13. Il-kompetenza ta' din il-Qorti hi arġinata bid-dispożizzjonijiet tal-artikoli 497 sa 515 tal-Kodiċi Kriminali u b'mod partikolari b'dak li jipprovdi l-artikolu 499 tal-istess Kodiċi. Dak l-artikolu jipprovdi li jista' jsir appell minn sentenza tal-Qorti Kriminali lil din il-Qorti fuq talba ta' l-Avukat Ġenerali jew ta' l-akkużat 'minn kull decizjoni mogħtija wara l-qari ta' l-att ta' l-akkuża' u dan 'fuq kull waħda mill-eċċezzjonijiet imsemmija fl-artikolu 449(1)(a), (b), (c), (d), u (g) u minn kull deċiżjoni fuq l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà ta' provi'. Tista' tappella wkoll lil din il-Qorti skont l-artikolu 500(1) 'Persuna misjuba ħatja fuq att ta' akkuża'. Għalhekk il-kompetenza ta' din il-Qorti sabiex tisma' u tiddeċiedi appelli li jsirulha tippostula deċiżjoni li tkun ingħatat wara l-qari ta' att ta' akkuża fuq xi waħda mill-eċċezzjonijiet imsemmija fl-artikolu 449(1)(a)(b)(c)(d) u (g) tal-Kodiċi Kriminali jew deċiżjoni fuq l-eċċezzjoni ta' inammissibilita' ta' provi jew persuna misjuba ħatja fuq att ta' akkuza. L-appell odjern ma hux minn deċiżjoni li ingħatat fuq xi waħda mill-eċċezzjonijiet msemmija u anqas minn xi deċiżjoni fuq l-eċċezzjoni ta' inammissibilita' ta' provi u l-appellant ċertament anqas hu persuna misjuba ħatja. Għalhekk ma jirriżultax li din il-Qorti għandha kompetenza tiddeċiedi dan l-appell.**

**"14. Fil-kors tat-trattazzjoni orali quddiem din il-Qorti l-appellant permezz tal-konsulent legali tiegħu għamel riferenza għal dak li jipprovdi l-artikolu 415 tal-Kodiċi Kriminali sabiex jipprova jislet argument *a contrariu sensu* li appelli minn digrieti interlokutorji huma wkoll ammessi meta d-digriet interlokutorju in kwistjoni jkun iżomm il-kawża milli titmexxa 'l quddiem. Huwa ssottometta li d-deċiżjoni appellata li ddiferiet il-ġuri *sine die* effettivament kienet tali li żżomm il-ġuri milli jimxi 'l quddiem u għalhekk kienet appellabbli. Apparti l-kunsiderazzjoni jekk differiment ta' kawża *sine die* tinkwadrax bħala deċiżjoni li żżomm il-kawża milli timxi 'l quddiem dak li hu determinanti, iżda, huwa li l-artikolu ċitat mill-appellant jinsab fis-sub-titolu tal-Kodiċi Kriminali intestat 'Fuq l-Appelli mis-Sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura'. Kjarament, għalhekk ma hux applikabbli għall-appell ta' llum li huwa appell minn deċiżjoni tal-Qorti Kriminali. Anqas jista' b'xi mod dak l-artikolu jiġi estiż b'analoġija għal appelli lil din il-Qorti minn deċiżjonijiet tal-Qorti Kriminali tenut kont tal-fatt li d-dispożizzjonijiet relevanti li jirregolaw il-kompetenza ta' din il-Qorti ma jipprovdux għal tali appell lil din il-Qorti minn deċiżjonijiet bħal dawk imsemmija fl-artikolu 415 tal-Kodiċi Kriminali u 'mhux lecitu li l-Qorti tikkonferixxi dritt ta' appell meta l-legislatur ma jkunx ta dan id-dritt[2]'**

**16**. Illi l-Qorti ma ghandha ghalfejn izzid xejn aktar ma' dak hawn fuq deciz billi huwa bil-wisq evidenti li ma huwiex moghti appell lill-appellant mid-digriet interlokutorju moghti mill-Qorti Kriminali tat-02 ta' Lulju 2019 fejn it-talba tal-appellant sabiex il-guri jigi differiet *sine die* giet michuda.

**17**. Jinghad biss illi ghalkemm l-appellant jikkontendi illi huwa adixxa lill-Qorti tal-Gustizzja Ewropeja dwar ilment marbut mal-esekuzzjoni

[2] Ir-Repubblika ta' Malta vs Mario Camilleri App.Sup., deciza 26/04/2012; ara ukoll The Republic of Malta vs Neslon Mufa App.Sup. deciza 14/02/2013

tal-mandat ta' arrest ewropew mill-qrati inglizi abbazi ta' liema huwa ingieb Malta biex jiffaccja dawn il-proceduri penali, ma hemm l-ebda prova in atti li dawn il-proceduri rejalment jezistu. Id-dokumenti minnu esebiti, li huma biss kopja informali u mhux awtentikati, jikkostitwixxu korrispondenza bejn l-appellant u is-CJEU minn fejn hemm biss *acknowledgment* minn din l-Istituzzjoni tal-ilment, dokument jerga' jinghad mhux awtentikat. Dan apparti kull kwistjoni ohra dwar l-access ghas-CJEU mill-individwu privat, li hija kwistjoni li tezorbita l-kompetenza ta' din il-Qorti.

**Ghal dawn il-motivi l-appell tal-appellant Marcellus sive Marcel Agius qed jigi ddikjarat irritu u null u ghalhekk il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu. Tordna li l-atti jigu rimandati quddiem il-Qorti Kriminali ghal prosegwiment tal-kawza skont il-ligi.**

**(ft) Imhallfin**

**Vera Kopja**

**Joyce Agius**
**Deputat Registratur**